# Mistoqsija u Tweġiba

## Għall-Ġenituri/Gwardjani dwar it-Tagħlim Onlajn u l-perjodu li matulhom l-iskejjel ser ikunu magħluqin

M **Minn meta se jibdew il-lezzjonijiet onlajn fl-iskejjel primarji, medji u sekondarji?**

T Il-lezzjonijiet onlajn fl-iskejjel kollha tal-istat ser jibdew nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2021 fil-ħin normali tal-iskola.

M **Għal min huma l-lezzjonijiet onlajn?**

T Il-lezzjonijiet huma għall-istudenti kollha tal-Kinder, Primarja, Medja u Sekondarja. Il-lezzjonijiet li kienu qed isiru fl-iskola, għalissa ser jitkomplew onlajn mal-għalliema li għandhom din is-sena.

M **X'hemm bżonn biex insegwi l-lezzjonijiet onlajn?**

T Ikollok bżonn apparat li jaqbad mal-internet bħal laptop, tablet jew anki smartphone. Preferebbilment ikun installat l-app *Microsoft Teams*. Importanti li kull student ikun jaf l-*email* tiegħu tal-iskola (jispiċċa '@ilearn.edu.mt') u l-*password*.

M **Kif ser inkunu informati bl-avviżi li tibgħat l-iskola?**

T Il-*MySchool* se jservi bħala għodda importanti ħafna. Għal informazzjoni ta' dan it-tip u għal kull tip ta' kommunikazzjoni mill-iskola, dejjem irrikorru għall-*MySchool* (http://mis.edu.mt). Nagħtu parir li kull filgħodu tiftħu l-*MySchool* biex taraw l-avviżi.

M **Insib gwida dwar kif l-istudenti jaċċessaw il-kont tal-iLearn tagħhom?**

T L-istudenti kollha jistgħu jaċċessaw il-kont tagħhom tal-iLearn u għandhom *username* u *password* validi. Segwu l-gwida billi taċċessaw: https://digitalliteracy.skola.edu.mt/secondaryfaq/how-do-i-access-office-365-apps/.

M **Insib gwida dwar kif nidħol fl-*Microsoft Teams*?**

T Tfasslu linji gwida u sensiela ta' vidjos li juru b'mod sempliċi kif jintużaw l-għodod li ser jintużaw għat-tagħlim onlajn. Din il-gwida ssibha billi taċċessa s-sit: https://digitalliteracy.skola.edu.mt/secondaryfaq/how-do-i-use-microsoft-teams-for-students/

M **X'nista' nagħmel jekk ikolli diffikulatjiet dwar il-*password*?**

T Jekk għandek diffikultajiet dwar il-*password* ikkuntattja lill-iskola tiegħek biex jgħinuk.

M **Ser ikun hemm *timetable* tal-lezzjonijiet?**

T Iva ser ikun hemm *timetable* tal-lezzjonijiet li l-klassijiet ser jimxu magħha.

M **Fejn nista' nsib it-*timetable* tat-tfal?**

T It-*timetable* tal-istudenti tal-primarja tvarja minn skola għall-oħra u tingħata mill-għalliema jew mill-amministrazzjoni tal-iskola. Fil-każ tal-iskejjel medji u sekondarji t-*timetable* tinstab fuq is-sistema *MySchool* (http://mis.edu.mt).

M **Kif se jidħlu għal-lezzjonijiet it-tfal?**

T Idħol fil-*Microsoft Teams* minn fuq l-apparat li ser tuża fil-bidu tal-ġurnata bħal li kieku qiegħed l-iskola. Jekk inti student tal-primarja idħol fil-klassi tiegħek u segwi t-*timetable*. Jekk inti student tal-medja jew tas-sekondarja żomm il-ħin tal-bidu ta' kull lezzjoni skont it-*timetable*, u idħol fil-grupp tiegħek skont is-suġġett li jkun imissek.

M **It-tfal jistgħu jidħlu u joħorġu mil-lezzjoni fi x'ħin iridu?**

T Le. Biex it-tagħlim ikun ta' kwalita' u ma jittellifx, kulħadd irid jimxi mat-timetable li qed tintuża waqt l-onlajn u l-ħinijiet tagħha. Bl-istess mod, l-istudenti huma mistennija li jġibu rwieħom tajjeb biex ma jtellfux lill-ħaddieħor.

M **Minn fejn jistgħu isegwu l-lezzjonijet it-tfal u x'jilbsu?**

T Il-lezzjonijiet għandhom ikunu segwiti minn post xieraq fejn ma jkunx hemm storbju jew distrazzjonijiet. Importanti li t-tfal ikunu mlibbsin b'mod xieraq.

M **Il-ġenituri jistgħu isegwu l-lezzjonijiet m'uliedhom?**

T Jekk waqt il-lezzjonijiet ikun hemm xi ħadd qrib l-istudenti, partikolarment mat-tfal żgħar li ma joqogħdux weħidhom, m'għandux ikun hemm interruzzjonijiet għajr mill-istudenti. Eż. jirrispondu huma għal mistoqsijiet tal-għalliema jew jgħaddu kummenti.

M **Insib gwida dwar kif naċċessa, naħdem, intella' u nsib ix-xogħol fuq l-*Microsoft Teams*?**

T Iva. segwi l-gwida billi taċċessa: https://youtu.be/W_97WKlsTA0

M **Insib gwida dwar kif naċċessa l-*My School*?**

T Iva. din issibha billi taċċessa: https://digitalliteracy.skola.edu.mt/secondaryfaq/how-do-i-access-*MySchool*/

M **X'ħin se jkunu l-lezzjonijiet?**

T Il-lezzjonijiet se jibqgħu jsegwu t-*timetable* tal-iskola. Ser ikunu ftit iqsar biex ikun hemm brejk bejn lezzjoni u oħra.

M **Kemm se jkunu twal il-lezzjonijiet?**

T It-tul tal-lezzjonijiet fil-Primarja jkun skont l-iskeda preżenti ta' kull skola addattata għall-onlajn bi brejks aktar frekwenti, din tiġi komunikata mill-amministrazzjoni tal-iskola jew mill-għalliema tal-klassi. Fil-klassijiet taż-żgħar (minn Kindergarten sa Yr2) l-iskeda tkun flessibbli u jkun hemm brejk bejn attività/lezzjoni u oħra biex tippermetti li tinżamm l-attenzjoni u l-intetess tat-tfal matul il-ħin tal-attivitajiet/lezzjonijiet.

T Fl-iskejjel medji u sekondarji, kull lezzjoni ser tkun ta' 35 minuta. Matul il-lezzjoni ser ikun hemm 20 minuta ta' kuntatt dirett u 15 -il minuta t'attivitajiet oħra bħall-*classwork* u attivitajiet simili.

M **Għaliex il-lezzjonijiet ser ikunu iqsar?**

T hemm numru ta' raġunijiet. Fost dawn mhux tajjeb jekk persuna tagħmel ħin twil bla waqfien quddiem skrin ta' kompjuter jew apparat simili. Jirriżulta wkoll li lezzjoni onlajn li taqbeż tul ta' ħin partikolari ma tibqax effettiva u l-istudenti jitilfu l-interess tagħhom aktar malajr.

M **Is-suġġetti kollha ser ikunu mgħallma?**

T Iva, is-suġġetti kollha ser jibqgħu jiġu mgħallma.

M **X'għandi nistenna mit-tagħlim onlajn?**

T L-għalliema tal-klassi u tas-suġġetti ser jibqgħu għaddejjin bit-tagħlim onlajn ma' uliedkom minflok bit-tfal quddiemhom fil-klassi.

M **Jiġifieri ser ikomplu bit-tagħlim skont is-sillabi?**

T Iva, ser ikomplu bit-tagħlim skont is-sillabi.

M **It-tfal se jkunu qed jaraw lill-għalliema tagħhom u lil sħabhom?**

T Iva, permezz tal-*Microsoft Teams*, l-istudenti se jkunu jistgħu jaraw u jkellmu lill-għalliema u lill-sħabhom. L-għalliema jistgħu jitolbu lill-istudenti biex iżommu l-cameras tagħhom mixgħula.

M **Fl-iskejjel primarji ser ikun qed jingħata s-servizz tal-għalliema tax-xjenza, tal-arti, tal-mużika, tal-PE u l-PSCD?**

T L-għalliema ta' dawn is-suġġetti ser ikunu qed jagħmlu lezzjonijiet mal-istudenti tal-primarja skont skeda li tiġi kkomunikata mill-amministazzjoni tal-iskola rispettiva.

M **L-LSEs ser jibqgħu jissapportjaw lit-tfal kif għamlu sa issa?**

T Iva, l-istess LSEs li bħallisa qed jagħtu sapport fil-klassi, ser ikunu preżenti biex jagħtu s-sapport għal-lezzjonijiet onlajn. Il-*Microsoft Teams* jippermetti li fejn ikun hemm ħtieġa, l-LSE tista' wkoll tikkomunika ma' studenti individwali jew fi gruppi żgħar b'mod separat mill-bqija tal-klassi.

M **Se jkun hemm *assembly*?**

T L-iskejjel jistgħu jagħżlu li jagħmlu *assembly* fejn ikunu jistgħu jindirizzaw lill-istudenti kollha jew gruppi ta' studenti skont il-ħtieġa. Dawn id-dettalji jkunu komunikati lilkom mill-amministrazzjoni tal-iskola.

M **Se tittieħed ir-rassenja tal-istudenti?**

T Iva, l-għalliema ser ikunu qed jieħdu r-rassenja kuljum fuq is-sistema onlajn *MySchool*. Importanti li, bħalma jiġri l-iskola, studenti li ma jkunux se jattendu għal-lezzjonijiet, javżaw minn qabel lill-amministrazzjoni tal-iskola u jagħtu r-raġuni għaliex.

M **Se jingħata xogħol għad-dar?**

T Iva, l-għalliema ser ikunu qed jagħtu xogħol għad-dar u jikkoreġuh ukoll.

M **L-assessjar ser jibqa' jsir xorta?**

T Iva, l-assessjar ser jibqa' jsir waqt it-tagħlim onlajn.

M **L-istudenti ser ikunu jistgħu jikkuntattjaw lill-għalliema tal-Guidance u lill-Counsellors?**

T Iva, fejn ikun hemm ħtieġa, l-istudenti jew il-ġenituri għandhom jagħmlu kuntatt mal-amministrazzjoni tal-iskola permezz tal-email jew tat-telefon biex ikun jista' jingħatalhom appuntament onlajn.

M **X'jiġri meta l-għalliem/a jkunu ma jifilħux?**

T Jekk l-għalliema ma jkunux disponibbli biex jagħtu l-lezzjonijiet, minħabba mard jew raġunijiet oħra, il-ġenituri/l-istudenti ser ikunu informati permezz tal-*MySchool* (http://mis.edu.mt). Infakkrukom dejjem taraw l-avviżi fuq il-*MySchool*.

M **L-ezamijiet tal-mocks tal-istudenti tal-11-il sena li saru, jgħoddu?**

T Iva l-eżamijiet li saru mit-Tnejn 8 ta' Marzu sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2021 jgħoddu, il-karti tal-eżamijiet ser ikunu kkoreġuti u jingħataw il-marki wkoll.

M **L-eżamijiet tal-mocks tal-istudenti tal-11-il sena li kellhom isiru minn nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2021 ser ikunu qegħdin isiru?**

T L-eżamijiet li ma sarux minħabba l-għeluq tal-iskejjel ser ikunu qed isiru malli jerġgħu jiftħu l-iskejjel matul din is-sena skolastika.

M **Nistgħu nikkomunikaw mal-edukaturi fi kwalinkwe ħin?**

T L-edukaturi jkunu għaddejjin bil-lezzjonijiet jew b'ħidma relatata magħhom waqt il-ħinijiet normali tal-iskola u tax-xogħol tagħhom. M'għandhomx ikunu mistennija tweġibiet lura barra minn dan il-ħin u l-kuntatt għandu jibqa' jsir kif kien isir sa issa.

M **Sa meta ser idumu magħluqa l-iskejjel?**

T L-iskejjel jinsabu magħluqin bit-tagħlim isir onlajn sal-11 t'April 2021 jew skont id-direzzjonijiet li jingħataw eqreb din id-data.

M **Studenti li diġa' jattendu l-iskola virtwali x'se jagħmlu?**

T L-istudenti tal-iskola virtwali tal-primarja ser ikunu qed ikomplu jattendu l-istess skola virtwali kif għamlu s'issa matul din is-sena skoalstika. Studenti li jattendu l-iskola medja jew sekondarja virtwali għandhom jagħżlu liema programm huwa l-aħjar għalihom u li ser

ikunu qed isegwu u jibqgħu fih. It-*timetables* tal-iskola virtwali u dik tal-iskola onlajn ma jaqblux u mhux possibbli jsiru bidliet fit-*timetables* biex jiġu evitati *clashes*.

M **L-istudenti tal-11-il sena ser ikollhom lezzjonijiet?**

T L-istudenti tal-11 -il sena li matul dan iż-żmien kienu qed joqogħdu għall-eżamijiet jistgħu jagħmlu kuntatt mal-għalliema tagħhom jew mal-amministrazzjoni tal-iskola biex ikomplu jingħataw sapport fl-istudji u fit-tħejjijiet tagħhom skont it-*timetable* tas-suġġetti varji.

M **Insib lezzjonijiet rekordjati?**

T Iva. Tista' ssib lezzjonijiet li matul din is-sena qed ikunu rrekordjati u aċċessibbli *on demand* minn fuq is-sit teleskola.mt mil-link 'Recorded Lessons'.

M **Il-lezzjonijiet on demand bi ħlas?**

T Le. Dawn il-lezzjonijiet huma aċċessibbli għal kulħadd, bla ħlas u aċċessibbli fi kwalunke ħin u għal kemm-il darba jkun hemm bżonn.

M **Insibu lezzjonijiet u riżorsi oħra?**

T Iva. tista' żżur is-sit teleskola.mt u taċċessahhom bla ħlas, fi kwalunkwe ħin u għal kemm-il darba jkun hemm bżonn.

M **Inkun nista' nkellem li xi ħadd l-iskola?**

T Iva. l-iskola ser tkun miftuħa onlajn. Bħalma stajt tagħmel kuntatt qabel mal-iskola, tista' tagħmel dan anke waqt li tinsab onlajn. Kull skola għandha l-kuntatti tagħha.